MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ROBERT G MANGION

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 271/2007

**A B f' isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem* ta' bintha minuri C D B**
**vs**
**Dr Beppe Fenech Adami u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer li b' digriet tas-16 ta' Lulju 2007 gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti E F G**

**Il-Qorti:**

**1. Preliminari**.

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici A B proprio et nomine pprezentat fil-21 ta' Gunju 2007 li jaqra' hekk:-

1. Illi hija kellha relazzjoni mal-intimat E F G minn liema relazzjoni twieldet il-minorenni C D B fit-13 ta' Settembru 2006, skond ic-certifikat tat-twelid anness, Dok "A", numru progressiv 2966/2006.

2. Illi minkejja illi gie dikjarat fic-certifikat tat-twelid illi kien missier mhux maghruf, fil-fatt l-intimat E F G huwa il-missier ta' din it-tarbija li giet koncepita meta l-esponenti u l-intimat kienu New York l-Istati Uniti.; illi din giet registrata bhala wild minn missier mhux maghruf ghaliex meta l-esponenti marret ghar-registrazzjoni, l-Ufficjali infurmawha li la darba mhux mizzewga u missier it-tarbija ma akkompanjax u mar fir-Registru Pubbliku, din kellha necessarjament tkun registrata bhala minn missier mhux maghruf;

3. Illi d-dettalji ta' E F G huwa s-segwenti, liema dettalji ghandhom jigu inseriti fic-certifikat tat-twelid tal-minuri f'kaz illi t-talba fir-Rikors tigi milqugha:
(a) eta' fid-data tat-twelid tat-tarbija - 37 sena;
(b) post tat-twelid tal-missier - Lebanon
(c) numru ta' passaport tal-missier - mhux maghruf;
(d) dettalji tal-genituri ta' missier it-tarbija - F G u ommu Anne Marie G
(e) indikazzjoni tat-tarbija - tifla, bl-isem C D

4. Illi l-intimat gie inutilment interpellat biex jirrikonoxxi t-tarbija u ghalhekk kellha ssir din il-procedura,

Ghaldaqstant l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti li previa kull pubblikazzjoni opportuna joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-missier tal-minuri C D B huwa l-intimat E F G;

2. Tordna l-korrezzjoni tal-Art tat-twelid numru progressiv 2966/2006 fis-sens illi jigi annotat bhala il-missier ta' C D B l-intimat E F G kull fejn tokkorri u mehtieg inkluz li jigi korrett u annotat il-kunjom tal-minuri li tirrifletti u tiehu dak tal-missier;

3. Tordna illi l-korrezzjoni tal-Att tat-twelid imsemmi numru progressiv 2966/2006 fis-sens illi l-minuri C D tiehu wara l-kunjom ta' missierha dak ta' ommha b'mod illi l-konjum ikun G B;

4. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiexjentra fir-Registru u fl-Att tat-Twelid tal-minuri C D B l-annotazzjonijiet u korrezzjonijiet hekk ordnati.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument ipprezentati mar-rikors guramentat.

Rat id-digriet taghha tat-28 ta’ Gunju 2007 li permezz tieghu innominat kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti konvenut.

Rat l-avviz fejn giet imxandra din il-kawza liema avviz gie ppubblikat fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern tas-17 ta’ Lulju 2007.[1]

Rat ir-risposta guramentata[2] tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku pprezentata fid-29 ta’ Awissu 2007 li taqra’ hekk:-

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent ghandu jispecifika ukoll is-segwenti dettalji ta' l-allegat missier naturali fid-data tat-twelid tal-minuri: (i) in-numru tal-passaport; (ii) fejn kien residenti u (iii) missieru jekk kienx haj, sabiex jekk it-talbiet tar-rikorrenti jintlaqghu, dawn id-dettalji jkunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat- Twelid in kwistjoni flimkien mad-dettalji l-ohra.

3. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

[1] Fol. 22
[2] Fol. 28

4. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-intimat li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur.

Rat ir-risposta tad-deputati kuraturi[3] pprezentata fis-26 ta' Settembru 2007 li permezz taghha iddikjaraw li ma humiex edotti mill-fatti tal-kaz.

Rat il-hafna tentativi tal-attrici sabiex nonostante n-nomina ta' kuraturi deputati ghall-assenti, hija ghamlet kull mezz possibbli sabiex tinnotifika lill-konvenut personalment fl-esteru. Dawn it-tentativi saru fil-Germanja, fl-Istati Uniti u fl-Emirati Gharab Maghquda. Mill-atti jirrizulta li l-konvenut gie notifikat personalment bl-atti ta' din il-kawza fit-18 ta' April 2012 billi gew lilu kkonsenjati d-dokumenti relativi fl-indirizz Capital Club, 5th Floor, Dubai International Financial Centre, Dubai, United Arab Emirates.[4] Fil-fatt id-dewmien sabiex il-konvenut gie notifikat personalment bl-atti kien il-fattur ewlieni ghaliex din il-kawza twalet aktar milli mehtieg.

## 2. Provi.

Fl-affidavit[5] taghha l-attrici taghti rakkont dettaljat ta' kif bdiet ir-relazzjoni taghha mal-konvenut E G, kif il-hbiberija inizjali taghhom zviluppat f'relazzjoni amoruza li waslet ghat-twelid tal-minuri C D B.

Hija tispjega kif f'Novembru 2005 kienet tahdem bhala air hostess ma' linja tal-ajru estera. Waqt li kienet gewwa restaurant flimkien ma' habiba taghha f'Dubai il-konvenut G u habib tieghu introducew ruhhom maghhom u bdew jitkellmu. Il-konvenut qal lill-attrici li ghalkemm hu kien mil-Lebabon in-nanna tieghu kienet Maltija. Qabel hallew lil xulxin huwa taha in-numru telefoniku tieghu. Gimgha

[3] Fol. 31
[4] Fol. 325
[5] Fol. 35

wara hija cemplitlu u minn hemm bdew jiltaqghu regolarment.

L-attrici tispjega li l-konvenut kien jokkupa kariga gholja f'wiehed mill-banek ewlenin fil-pajjiz fejn iltaqghu. Mhux l-ewwel darba li kien jistedinha sabiex takkumpanjah f'*business meetings* li kien ikollu u jintroduciha bhala il-'girlfriend' tieghu. Ftit wara laqqa' lill-attrici ma' huh li kien qed jaghmel vizita fil-pajjiz fejn kien jahdem il-konvenut.

Kien spiss jixtrilha rigali lussuzi. Kull meta kienet turi x-xewqa ta' xi haga kien jinsisti li jkun hu li jakkumpanjaha u jixtriha hu ghaliha.

F'Dicembru 2005 il-konvenut stedinha biex takkumpanjah fil-pajjiz tal-origini tieghu, il-Lebanon. Ghall-ewwel l-attrici uriet certu riluttanza peress li hasset li kien ghadu ftit kmieni fir-relazzjoni taghhom, izda fuq insistenza tal-konvenut hija accettat, akkumpanjatu u iltaqghet ma' ommu u familjari ohra. Waqt li l-konvenut kien ikun f'laqghat in konnessjoni max-xoghol tieghu, omm il-konvenut kienet tohrog mal-attrici. Omm il-konvenut kienet toqghod tirrakkuntalha episodji ta' meta l-konvenut kien izghar inkluz ic-cirkostanzi meta miet missieru. Matul dan iz-zmien il-konvenut baqa' jixtri lill-attrici rigali lussuzi u jassiguraha li kien ihobbha.

Il-konvenut kellu apartament f' New York u stedinha sabiex iqattghu il-Milied hemmhekk. Il-konvenut ha hsieb it-tickets tal-ajru hu a spejjez tieghu. Hemmhekk ghal darb' ohra irregalalha numru ta' rigali li l-attrici tghid li baqghet bla kliem. Fi New York kien hemm xi familjari tieghu u qattghu lejliet il-Milied flimkien. L-ghada jum il-Milied qattghuh flimkien. L-attrici tghid li fil-fehma taghha kien f'dak il-jum li giet konceputa il-minuri li eventwalment twieldet fit-13 ta' Settembru 2006. Dak iz-zmien il-konvenut kien jghidilha illi jekk tohrog tqila huwa kien jiehu hsieb sew tal-attrici kif ukoll tat-tarbija. Ghalkemm l-attrici kienet ghamlet zmien qabel tiehu l-pillola bhala kontracezzjoni, kellha twaqqafha fuq rakkomandazzjoni tat-tabib taghha peress li kien qed thalli effett negattiv fuq sahhitha.

F'dak il-jum tal-Milied l-attrici kienet qalet lill-konvenut illi jekk accidentalment tohrog tqila hija kienet izzomm it-tarbija izda il-gurnata ta' wara il-konvenut minflok ma rega irrepeta l-kliem illi f'dak il-kaz kien jiehu hsieb sew lilha u sew lit-tarbija insista maghha li tieghu il-pillola imsejha 'morning after pill'. Ghal dan il-kliem l-attrici irrabjat u saret agitata hafna. Is-sitwazzjoni malajr ikkalmat bejniethom, hargu u l-konvenut ghal darb' ohra xtralha rigal lussuz konsistenti f'curkett bil-hagar prezjuz u djamanti. Din l-attenzjoni tieghu kienet tassiguraha illi kien ihobbha u li jekk verament tinqabad tqila kien ser jiehu hsieb sew hu taghha u sew tat-tarbija.

Meta wasal il-jum tas-27 ta' Dicembru 2005 u l-attrici kellha titlaq minn New York peress li kellha flight il-konvenut beda jinsisti maghha sabiex tieqaf hesrem mix-xoghol u tmur tghix mieghu. Hija ma kinitx accettat peress li x-xoghol taghha bhala flight attendant kienet thobbu u kienet qed tistenna li tircevi promozzjoni fil-vicin. L-ghada regghat kienet lura New York u qattghu gurnata ohra flimkien. Lura f'Dubai l-attrici irrakkontat lill-hbieb taghha din ir-relazzjoni li hija stabbilit mal-konvenut li min-naha taghhom baqghu impressjonati u qalulha li kienet fortunta li iltaqghet mal-konvenut.

F'Jannar 2006 l-attrici regghat lura f'Dubai fejn iltaqghet mal-konvenut fl-appartament tieghu. Ghal darb' ohra irregalalha rigal lussuz konsistenzi f'gizirana tal-fidda mixtrija minn Harrods. Min-naha taghha hija talbitu sabiex imur jixtri 'pregnancy test' peress li issa kienet bdiet tissuspetta li harget tqila. Hekk ghamel, u meta ghamlet it-test irrizulta pozittiv.

Tispjega b'dettal x'gara dakinhar:-

"At first, tears just spilled out of my eyes. When I told him, he remained speechless, just stared at me. Later, he tried to comfort me in his arms. However, after this, the very first words that he uttered were 'It's only blood clean yourself'. He stated that he himself was a 'mistake', and that he wished that he had never been born at all. Those

words upset me more. I could not believe what was happening around me. Suddenly, E seemed to be changing in front of my very eyes. The caring gentleman I had known was no longer there, and instead a very selfish person had taken his place. Seeing me in the rage I was, he asked me to calm down and sleep at his place. But I was too furious. His words had hurt me deeply. I had felt my heart being torn apart. I told him clearly that I would not stay in his place any longer after what he had just asked me to do. We continued arguing for quite some time. I started telling him that it was not just blood, that it was a human baby with a soul and that I would never kill this baby'. He insisted that 'the baby had not yet formed, and that it was only blood '. I kept my ground, and told him clearly that he had no control over my body, whilst time and time again I insisted that this child was a gift from God, and that I was going to keep it. At my words and reaction, his eyes misted and he started shaking. I was feeling very insulted at the time. I took off the necklace he had just given me, the earrings that he had given me some time before, and the ring that he had given me back in New York. I told him that I didn't need any of his things. I just strolled out of the apartment in a great fury. Just as I closed the door, I realized that there were still some pictures of myself at the apartment. I knocked, despite the fact that I had the key, and he let me in. I collected my pictures. E begged me to stay with him. It was clear that he was crying. However, I left. At that moment, I wished that he had stated that he would take care of me and our baby. That would have made me stay. I cried all over myself in the taxi. I heard and heard again his words' clean yourself."

Il-gurnata ta' wara il-konvenut cemplilha biex jiltaqghu u talabha biex ma turiex lil huh. Beda jinsisti maghha li taghmel abort u weghdha illi jibqa' maghha u 'l quddiem ikollhom tarbija ohra.  Hija pero' baqghet tirrifjuta tinsisti mieghu illi kienet ser izzomm it-tarbija u talbitu jaghtiha s-support kollu li kellha bzonn.  Hu pero' ghamililha cara illi jekk ma kinitx ser taghmel abort ma kien ser jghinha bl-ebda mod. Hija tispjega kif dan l-episodju biddel lill-konvenut mil-lejl ghan-nhar. Minn persuna pjacevoli sar

bniedem aggressiv, jghajjat maghha u jheddidha illi issa kienet ser tispicca wahedha ghaliex ma kinitx qed tisma' milli kien qed jghidilha.

Peress li abbandunaha l-attrici kompliet tahdem sakemm it-tqala kienet tippermettilha u kienet tigi Malta kull tlett gimghat sabiex tigi nvistata mill-ginekologu.

F'dak iz-zmien il-konvenut kien cempel lill-habibha tal-qalb tal-attrici li tghix f'Dubai u qalilha illi jekk l-attrici taghmel abort huwa kien lest li jkompli ir-relazzjoni tieghu mal-attrici. Ghal dan l-attrici kienet irrabjat hafna ghaliex qatt ma setghat tiffigura li tmur tghix mal-persuna li riedha toqtol lit-tarbija taghha. Habib iehor tal-attrici kien cempel lill-konvenut minn New York izda l-konvenut qatalu t-telefonata wara li qallu li kien jaf lill-attrici ghal ftit taz-zmien.

Meta kellha seba' xhur tqala kellha tieqaf mix-xogol ta' air hostess u rritornat lura Malta ghand il-familja taghha. Sabghet hafna ghajnuna minghand il-familja taghha specjalment ommha u ohtha. Din ta' l-ahhar kellha bzonn kura medika fi sptar u l-attrici kienet takkumpanjaha. Hemmhekk iltaqghet ma' social worker illi issuggerielha li kellha bzonn l-ghajnuna ta' psikologu peress li kienet fethet qalbha mieghu li kienet bezana mill-futur.

Hija kienet ippruvat diversi drabi tikkomunika bit-telefon mal-konvenut pero' hu kien jaqta' t-telefonata appena jirrealizza li kienet l-attrici.

Kien ghalhekk li f'Lulju 2006, meta l-attrici kellha seba' xhur tqala, hija marret Dubai flimkien ma' ommha sabiex tiehu hwejjigha u tipprova tiltaqa' u tkellem lill-konvenut. Huma marru jhabtu fuq il-bieb tal-appartament fil-Hotel fejn kien jabita izda ma fetahx. L-attrici tefatlu ittra minn taht il-bieb u telqu. L-ghada huma marru kmieni sabiex jilhquh qabel johrog ghax-xoghol. Meta irrealizza dan cempel lis-security u inqalet xenata bejniethom bil-konvenut ikellimha hazin u jghajjarha talli ma semghatx minnu. L-attrici bdiet tinsisti mieghu li hu kellu d-dover li jiehu hsieb lit-tarbija izda hu kien kontinwament jghajjat u

jakkuzaha li holqitlu l-problemi u li ma riedx jaraha aktar. Kien ghalhekk li hi u ommha gew lura Malta. Fit-13 ta' Settembru 2006 l-attrici weldet lill-minuri C D.

Wara hija ppruvat kemm-il darba tikkomunika mal-konvenut izda kien kollu ghalxejn.

Peress li t-tarbija taghha giet registrata bhala b'missier mhux maghruf l-attrici kienet kostretta tipprocedi b'kawza sabiex bintha jkollha missierha indikat fuq ic-certifikat tat-twelid taghha. Fuq parir li inghatalha mill-konsulent tax-xjenza forenzika Christopher Farrugia hija u t-tarbija sarilhom it-test tad-DNA istitut xjentifiku fil-Canada sabiex jekk 'il quddiem ikun possibbli isir it-test tad-DNA fuq il-konvenut. Christopher Farrugia xehed u ezebixxa kopja ta' korrispondenza li huwa baghat lill-konvenut sabiex jissottometti ruhu ghat-test tad-DNA u b'hekk jigi stabbilit jekk kienx missier it-tarbija jew le izda l-konvenut qatt ma rrisponda.

B'korroborazzjoni mal-affidavit taghha, l-attrici ezebiet diversi dokumenti u ritratti li jikkonfermaw diversi partijiet tax-xhieda taghha.

L-attrici resqet ukoll it-testimonjanza ta' diversi xhieda li kollha jikkorroboraw diversi partijiet tax-xhieda taghha fosthom ommha Agnes B[6], il-habiba tal-qalb taghha Karen Degiorgio[7], il-konsulent forensiku Chrisopher Farrugia[8]u[9], senior social worker Cornelius Mulvaney[10], il-habiba taghha Nicole Gauci Turkdogan[11], u Severin Wilson[12]

Nonostante n-nomina tal-kuraturi deputati ghall-assenti l-attrici kompliet bit-tentativi sabiex tinnotifika kopja ta' dawn l-atti direttament lill-konvenut. L-attrici xehdet[13] illi fil-mori ta' din il-kawza hija xorta kompliet tipprova

[6] Fol. 99
[7] Fol. 103
[8] Fol. 118
[9] Fol. 133
[10] Fol. 124
[11] Fol. 231
[12] Fol. 244
[13] Fol. 153

tikkomunika mal-konvenut. Fil-11 ta' Novembru 2008 kienet qieghda New York fuq xoghol u hadet l-okkazzjoni u marret fil-hotel fejn il-konvenut ghandu appartament. Lir-receptionist l-attrici qaltilha li xtaqet tkellem lill-konvenut jew thallilu set ritratti ta' bintu. Meta ir-receptionist cemplet lill-konvenut huwa beda jghajjat tant li r-receptionist irrifjutat anke li zzom ir-ritratti tal-minuri. L-attrici ma kelliex xelta hlief li tiehu r-ritratti lura minghand ir-receptionist u titlaq.

L-attrici spjegat li wara li l-konvenut abbandunaha ghax kienet tqila, beda jxerriedha mal-persuni li jafuhom it-tnejn illi l-attrici m'accettatx li tikkommetti abort ghaliex riedet il-flus. L-attrici tichad dan u tghid illi ghal kuntrarju kien l-istess konvenut li kien offrilha l-flus jekk tittermina t-tqala taghha.

L-attrici ezebiet diversi ritratti sew tal-konvenut kif ukoll tal-minuri sabiex turi is-somiljanza li hemm bejniethom.

Ikkunsidrat;

**3. Konsiderazzjonijiet.**

Il-provvedimenti legali mill-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta applikabbli ghall-kaz in dizamina huma s-segwenti:-

***86A.*** *(1) L-omm ta' iben imnissel jew imwieled barra miż-żwieġ li ma jiġix magħruf mill-missier, u dak l-istess tifel, jistgħu f'kull żmien iressqu talba ġudizzjarja biex tiġi stabbilita l-paternità tat-tifel u biex il-qorti tordna r-reġistrazzjoni ta' dik il-paternità fl-atti tal-istat ċivili relattivi.*

*(2) It-talba ġudizzjarja msemmija fis-subartikolu (1) tista' wkoll titmexxa mill-werrieta jew mid-dixxendenti tat-tifel jekk ikunu jeżistu l-istess ċirkostanzi bħal dawk imsemmija fl-artikolu 85.*

***87.*** *(1) Wieħed jista' jagħraf b'ibnu tifel imnissel u mwieled barra miż-żwieġ fl-att tat-twelid, jew b'att ieħor pubbliku, qabel jew wara t-twelid.*

*(2) Kull dikjarazzjoni ta' paternità jew maternità magħmula xort'oħra minn wieħed mill-ġenituri, jew mit-tnejn, jew magħmula minn minuri, tista' biss tinġieb bħala prova tal-filjazzjoni f'kawża ta' filjazzjoni.*

***88.** It-tagħrif b'iben magħmul minn wieħed mill-ġenituri għandu effett biss għal dak li jagħmlu, u ma jagħti ebda jedd lit-tifel hekk magħruf kontra l-ġenitur l-ieħor.*

***100A.** F'kawżi li għalihom jagħmel riferenza dan is-Sub-Titolu, il-qorti tista', mingħajr ħsara għal kull prova li jistgħu jġibu l-partijiet skont il-liġi, teħtieġ lill-partijiet biex jissottomettu għal eżamijiet kif imsemmija fl-artikolu 70A, u fl-istess mod u fl-istess ċirkostanzi.*

**It-Test tad-DNA**

Artikolu 70A jipprovdi dwar it-test xjentifiku tal-paternita' maghruf bhala t-test tad-DNA.

Fil-kawza odjerna ma kienx possibbli illi jsir it-test genetiku tal-konvenut in kwantu huwa qatt ma ppartecipa f'dawn il-proceduri u ghalhekk ma kienx possibbli li l-Qorti tordnalu jissottometti ruhu ghat-test tad-DNA. Ghalhekk huwa mehtieg jigu evalwati l-provi kollha mressqa sabiex jigi deciz jekk il-preponderanza tal-provi imressqa jnisslux f'mohh min irid jiddeciedi dak il-konvinciment morali necessarju li jwasslu ghall-akkoljiment tat-talbiet attrici.

Ghalkemm illum il-gurnata il-maggorparti tal-kawzi ta' filjazzjoni jigu decizi ab bazi tar-rizultanzi mit-test tad-DNA, ghandu jinghad illi qabel ma gie introdott dan it-test xjentifiku fil-proceduri gudizzjarji il-qrati kienu wkoll rinfaccjati b'talbiet simili. Ghalhekk hija rilevanti kazistika nostrana fiz-zmien meta t-test tad-DNA kienu ghadu ma giex introdott.

Gie deciz illi: -

"*Il-massima segwita u adottata mit-tribunali Maltin f'materja ta' filjazzjoni naturali hija illi, fl-indagini tal-*

*paternita' naturali, hemm bzonn li jikkonkorru tliet konsiderazzjonijiet, jigifieri – (1) Illi fiz-zmien prossimu ghall-koncepiment, dak li lilu tkun attribwita l-paternita' kellu kummerc karnali ma' l-omm it-tarbija; (2) Illi l-omm, fiz-zmien fuq imsemmi, ma kelliex relazzjonijiet ma' hadd iehor; (3) Illi fl-istess zmien, u anki precedentement, hija tkun giebet ruhha b'mod tali li tkun eskluza l-possibilta' morali li hija kellha relazzjonijiet ma haddiehor.*

*Il-kelma "precedentement" uzata fil-gurisprudenza Maltija, a propozitu tat-tielet rekwizit, giet interpretata bhala li tirriferixxi ghal zminijiet vicini ghaz-zmien tal-koncepiment, u mhux ghal kwalinkwe zmien anterjuri."* [14]

Fuq l-istess linja ta' hseib gie dikjarat illi:-

"*F'ricerka simili, il-morigeratezza ta' l-omm hi relativa, u ghandha tiftiehem fis-sens li hija ma tkunx uriet kostumi facili qrib il-koncepiment u fil-kors tal-gravidanza; u l-gudikant ghandu juza cirkospezzjoni kbira, billi l-prova ta' l-elementi msemmijin ghandha tirrizulta minn provi gravi, precizi u konkordanti; imma dan ma jfissirx illi l-azzjoni ghandha tigi respinta, specjalment meta r-relazzjonijiet illeciti huma ammessi mill-pretiz missier, semplicement ghaliex tirrizulta leggerezza fil-kondotta ta' l-omm, u meta tonqos il-prova li fi zmien bejn wiehed u iehor qrib ghall-koncepiment setghet kellha dawk ir-relazzjonijiet ma' ragel iehor."*[15]

Ikkunsidrat;

Minn ezami tat-testimonjanzi voluminuzi imressqa mill-attrici, u in mankanza ta' provi kuntrarji, jirrizulta illi fiz-zmien tal-koncepiment tal-minuri l-attrici kellha relazzjonijiet intimi mal-konvenut. Huwa minnu li l-konvenut ma xehedx f'dawn il-proceduri u lanqas ipprezenta difiza, izda l-attitudni u r-reazzjoni tieghu ghall-ahbar li l-attrici kienet tqila b'wild tieghu hija ben deskritta

---

[14] App. **Rosaria Grima noe. vs Carmelo Galea** - 16 ta' Gunju 1952;

[15] PA. **Adelaide Ore noe. vs Barry Corrison et.** - 14 ta' Ottubru 1953; ara wkoll. PA. **Spiteri pro et vs Cilia et**. – 30 ta' Jannar 1998.

mhux biss mill-attrici imma wkoll minn diversi xhieda imressqa.

Jirrizulta illi filwaqt li qabel ma l-attrici skopriet li kienet tqila il-konvenut kien jghidilha li jekk tohrog tqila kien jiehu hsieb sew taghha kif ukoll tat-tarbija; appena l-attrici informatu li harget tqila biddel kompletament l-attegjament tieghu. Hekk kif sar jaf irrabja bi kbir u beda jinsisti maghha li tittermina l-gravidanza taghha permezz ta' abort.

Omm l-attrici. **Agnes B**, tispjega fl-affidavit taghha[16] :-

"After a few days A told me that she is pregnant and tearfully said 'I am keeping the baby, E does not want the baby'. I was shocked when she told me that E wanted her to abort and that he had found a doctor to do it in Dubai. I told her that I will stand by her and not to do the abortion. Sobbing she told me that this why she came to Malta because he is insisting to do the abortion now, then have a child after they get married. I felt dizzy when she told me news. I remember telling her and you said he was a good man! She told me that maybe he is in shock, maybe he will realise what he is doing and that he promised her to look after her and the baby if she got pregnant. She kept telling me: "Mum I thought he loved me!" One night I heard her screaming on the phone, 'You want to send me to a butcher, I can t do it, I won't abort' I went to her and found her curled up shaking and sobbing".

Il-habiba tal-qalb tal-attrici **Karen Degiorgio** xehdet kif filli l-attrici kienet kuntenta bir-relazzjoni ta' mhabba li kellha mal-konvenut, filli f'daqqa wahda kollox inqaleb ta' taht fuq appena harget tqila. Tirrakkonta meta kienet akkumpanjat lill-attrici fir-Registru Pubbliku sabiex tirregsitra it-twelid tal-minuri u kemm haditha bi kbira meta qalulha li fl-assenza tal-missier kienu kostretti li jnizzlu "missier mhux maghruf". Ix-xhud spjegat kemm din il-haga kienet inaccettabbli ghall-attrici, li bintha titnizzel b'missier mhux maghruf meta dan ma kienx il-kaz. Ix-xhud tkompli

16 Fol. 99

tispjega kif kagun ta' dan l-inkwiet sahhet l-attrici marret lura hafna. Tispjega l-isforzi kbar li l-attrici kienet taghmel, minghajr success, sabiex tikkomunika mal-konvenut. Sahansitra kienet ukoll baghtet kopji ta' ritratti tat-tarbija lill-konvenut fl-ufficju tieghu.

Xhed ukoll **Cornelius Mulvaney** li bhala professjoni huwa social worker u jahdem f'wiehed mill-isptarijiet pubblici. Iltaqa' mal-attrici fl-okkazzjoni li kienet takkumpanja lill-ohtha ghall-kura medika li kellha bzonn. L-attrici kienet fethet qalbha mieghu dwar il-problemi li kienet ghaddejja minnhom kagun tal-fatt li l-konvenut kien irrifjuta li jirrikonoxxi lit-tarbija. Jispjega lill-attrici bhala persuna ta' principji sodi li rinfaccjata bl-ghazla imposta mill-mahbub taghha illi jew hu jew it-tarbija, ghazlet lit-tarbija allavolja kienet taf li l-konvenut ma kienx behsiebu jerfa ir-responsabbiltajiet tieghu ta' missier. Jghid hekk:

"Dan id-diskors qalitu lili hi meta kienet qed tispjegali personalment .. li hi giet sfurzata tkompli r-relazzjoni mieghu jekk kemm-il darba hi tehles mit-tarbija jigifieri li taghmel abortion. Din kienet haga li hi rrifjutat totalment u li hi hassitha hafna u hafna taghtiha gewwa. Hassitha as a big pain".

Eventwalment ix-xhud kien irrefera lill-attrici ghall-'counselling'.

Ix-xhud **Nicole Gauci Turkdogan** xehdet b'dettal dak kollu li kienet tirrakontalha l-attrici fuq din il-kwistjoni fejn id-dettalji kollha jikkombaccjaw kemm mat-testimonjanza tal-attrici kif ukoll mat-testimonjanzi tax-xhieda l-ohra.

Wara li l-Qorti fliet bir-reqqa ix-xhieda kollha migjuba hija tal-fehma li l-attrici irnexxielha li tipprova sodisfacentement illi fiz-zmien prossimu ghall-koncepiment l-attrici u l-konvenut kellhom rapporti intimi konducenti ghall-koncepiment tal-minuri; illi fiz-zmien prossimu ghall-koncepiment l-attrici ma kelliex rapporti sesswali ma' terzi; illi fl-istess zmien il-komportament tal-attrici jeskludi li kellha relazzjonijiet sesswali ma' haddiehor.

Fl-assenza ta’ testijiet genetici fuq il-konvenut, l-attrici irnexxielha tressaq provi sufficjenti sabiex inisslu f’mohh il-gudikant dak il-konvinciment morali necessarju sabiex tasal ghall-konkluzzjoni illi fil-fatt il-konvenut huwa l-missier naturali tal-minuri C D. Ghalhekk jisthoqq illi t-talbiet attrici jigu akkolti fl-interezza taghhom.

**4. Decide**.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tiddisponi mir-rikors guramentat, mir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati u mir-risposta tad-Direttur tar-Registru Pubbliku billi:-

1. Tilqa’ l-ewwel talba attrici u tiddikjara illi missier il-minuri C D B huwa l-konvenut E F G;

2. Tilqa’ t-tieni talba attrici u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jeffettwa l-emendi mehtiega fl-att tat-twelid tal-minuri numru 2966/2006 billi jigu kancellati l-kliem “missier mhux maghruf” u minflok jitnizzel bhala l-missier l-isem tal-konvenut E F G. bil-konnotati kollha tieghu. L-attrici qed tinghata ghaxart ijiem utli millum sabiex tipprezenta f’dawn l-atti nota guramentata bil-konnotati kollha tal-konvenut G rikjesti fil-paragrafu numru tnejn (2) tar-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku[17], b’notifika lill-istess Direttur.

3. Tilqa’ t-tielet talba attrici u tordna li fl-att tat-twelid tal-minuri jitnizzel illi l-minuri ghandha tkun maghrufa bil-kunjom “G B”.

4. Tilqa’ r-raba’ talba attrici.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut E F G.

**< Sentenza Finali >**

---

[17] Fol. 28

---------------------------------TMIEM---------------------------------